**5 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo sive Charles Lebrun

**Prostituzzjoni — Art. 219 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 7 (1) (3) tal-Kap. 102.**

*Min iressaq lill-martu biex ikollha relazzjonijiet karnali ma' rgiel oħra, u mill-flus li hija taqla' jsir użu għalieh u għall-familja tiegħu, jikkommetti r-reat ta' min jgħix fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni. Dan ir-reat jaqa' taħt il-liġi dwar il-qirda tal-kummerċ tal-prostituzzjoni, u mhux taħt il-Kodiċi Kriminali; għax jonqos l-element tal-vjolenza jew qerq.*

*Dan hu reat prosegwibbli "ex officio"; u għalhekk ir-rinunzja tal-mara ma testingwix l-azzjoni kriminali.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' Carmelo sive Charles Lebrun, li bih appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta taż-17 ta' Mejju 1960, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellanti ġie misjub ħati li xjentement għex fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' Doris Lebrun, martu, u ġie kundannat għal erbgħa xhur lavuri furzati skond l-art 7 (1) (3) tal-Kapitlu 102 tal-Liġijiet, u fl-istess termini tar-rinviju tal-Attorney General;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Irriżulta li l-appellanti ressaq lill-martu biex ikollha relazzjonijiet karnali ma' żewġt irġiel, kif din għamlet għal xi għoxrin darba ma' ħadd ieħor. Hija kienet titħallas lira kull darba, li minnhom l-appellant messu lira u nofs, u l-kumplament servew għall-għajxien tal-familja kompriż l-appellanti stess. Huwa stqarr mal-Ispettur Tonna li kien qal lill-martu "din il-ġimgħa taħdem int, u mbgħad naraw"; u kienet martu stess li rrapportat il-fatt lill-Pulizija;

Hekk l-appellanti rrenda ruħu ħati talli xjentement għex fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni fit-termini tal-art. 7 (1) tal-Kap. 102 tal-Liġijiet. Huwa kien ħa d-drawwa li jgħix, almenu in parti, fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' martu, billi ppartecipa għall-għajxien tiegħu minn dak il-qliegħ, barra milli rċieva ammont ta' flus, u kien ikompli f'din id-drawwa kieku ma rrapportatux martu stess;

Il-fatt jaqa' taħt il-Kap. 102, u mhux taħt l-artikolu 219 tal-Kodiċi Kriminali, billi jonqos l-element tal-vjolenza jew qerq; u hekk ir-reat huwa persegwibbli "ex officio", u r-remissjoni ta' martu ma testingwix l-azzjoni kriminali. L-interess tutelat bil-liġi jirrigwarda l-moralità publika u l-bwon kostum, u mhux dak privat tal-prostituta;

Għalhekk;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.